



# Aħbar Tajba

Atti 2, 1-11
Salm 103 (104), 1ab.24aċ.29bċ-30.31.34
Rum 8, 8-17
Ġw 14, 15-16. 23b-26

"Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi. U jiena nitlob lill-Missier,
**u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem."**

Ma nafx intom, imma jien vera nħobb nisma' l-mużika. Mhux kull tip ta' mużika togħġobni l-istess imma nisma' ħafna tipi ta' mużika differenti. Naħseb ftit huma l-mumenti tal-ġurnata li ma nkunx qed nisma xi ħaġa. Meta noħroġ nimxi ftit, fuq ix-xogħol jew jien u sejjer lura d-dar ibqa' ċert li se jkolli l-headphones f'widnejja. Hemm mużika li tirrilassani kif ukoll mużika li tgħini nikkonċentra waqt il-ħin tax-xogħol. Probabbilment il-mobile nużah ferm aktar biex nisma' l-mużika milli biex inċempel jew nikteb xi messaġġ!

Allura tista' timmaġina kif inħossni hekk kif naqbad il-mobile u ninduna li l-batterija waslet fl-aħħar. Jista' jkolli kemm irrid mużika għax mingħajr il-batterija ma jien se nisma' xejn. Ma nafx ġilix għaddejtu minn xi esperjenza simili u tispiċċa tfittex fejn tista' tqabbad iċ-charger!

Il-batterija tagħti l-enerġija neċessarja biex il-mobile, jew mezz ieħor li tuża biex tisma' l-mużika, jagħmel dak li kien magħmul biex jagħmel. Tgħiduli: "Imma dan kollu x'għandu x'jaqsam mal-Evanġelju tal-lum?" Fil-qari llum niltaqgħu ma' xi ħadd li jħalli effett fuqna bħal dak tal-enerġija fuq il-mobile. Il-ġimgħa l-oħra qrajna kif Ġesù wegħedhom li jibagħtilhom l-għajnuna u din il-ġimgħa qed narawh iżomm kelmtu meta bagħat fuqhom l-Ispirtu s-Santu. Għalkemm kienu f'kamra magħluqa, f'daqqa waħda daħal riħ qawwi, imbagħad dehru fjammi ta' nar jiżfnu madwarhom sakemm waqfu fuq ras kull min kien fil-kamra. U jekk dan kollu ma kienx biżżejjed, ħassew fihom qawwa speċjali li f'daqqa waħda sabu ruħhom barra dik il-kamra magħluqa, fl-aktar postijiet mimlija nies jitkellmu u jgħallmu fuq Ġesù. Bdew jagħmlu ħwejjeġ li qabel anqas qatt ma basru li setgħu jagħmlu. L-Ispirtu s-Santu kien għamel minnhom persuni ġodda.

Din l-istorja nafuha sew. Min jaf kemm-il darba smajnieha. Imma tafu kultant x'ninsew insemmu? Dak l-istess Spirtu li għamel mill-appostli persuni ġodda qiegħed fina wkoll. Kulma hemm bżonn hu li nħalluh jaħdem fina. Għalhekk ejjew insibu ftit ħin fil-ġranet tagħna biex nitolbuh jagħmel minna persuni ġodda u mbagħad inkunu lesti li nħalluh jibdilna ftit. Importanti wkoll li tisma' għax l-Ispirtu se jipprova jieħdok postijiet li joħorġu l-isbaħ kwalitajiet li għandek. Ibqa' ċert li jekk tisma' minnu ħajtek se tkun avventura mill-isbaħ.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kliem moħbija marbuta mas-silta li qrajna mill-Atti tal-Appostli (2, 1-11). Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

**GĦID, ĦAMSIN, RIĦ, ILSNA, NAR, SPIRTU, SANTU, GALILIJA, IXANDRU, GĦEĠUBIJIET.**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| W | GĦ | S | V | X | U | L | GĦ | I | D |
| Ħ | M | P | L | O | N | E | E | L | IE |
| A | N | I | T | Ċ | J | T | Ġ | S | G |
| M | B | R | V | I | F | IE | U | N | A |
| S | E | T | S | X | W | A | B | A | L |
| I | Z | U | Ħ | A | M | S | I | N | I |
| N | I | L | S | N | A | A | J | A | L |
| Ż | O | P | Q | D | V | N | IE | R | I |
| K | L | A | R | R | I | T | T | I | J |
| N | V | P | K | U | Z | U | Ż | Ħ | A |



Pinġi l-ilsna tan-nar fuq rashom u mbagħad agħtihom il-kulur



## Talba ta' San Franġisk

Din il-ġimgħa qed niċċelebraw il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li minn grupp ta' sajjieda mingħajr l-ebda edukazzjoni speċjali beda l-Knisja tagħna. Dan l-istess Spirtu jinsab fina u jekk inħalluh jista' jagħmel minna appostli ġodda.

Ejjew ma' San Franġisk nitolbu lis-Sinjur Alla biex jaħdem fina u jgħinna nikbru f'Insara tajbin biex bħall-qaddisin ta' qabilna nkomplu nagħmlu l-ġid ma' dawk li Alla jlaqqagħna magħhom.

Sinjur Alla,
dawwal id-dlamijiet ta' ruħi
u agħtini fidi vera,
tama ċerta
u karità perfetta.

Imlieni, Mulej,
bl-għerf u bil-fehma,
sabiex inwettaq
ir-rieda qaddisa tiegħek.
Ammen.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION